**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 15 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 884/01 AJD**

**Anthony u Isabella konjugi Spiteri**

**vs**

**Jesmond Arnaud u Margaret Karen Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Settembru, 2001, fejn gie premess li l-atturi silfu lill-konvenuti bhala dejn civili somma ta' flus li parti minnha ghadha ma gietx restitwita. Illi dan l-ammont rimanenti dovut mill-konvenuti bhala dejn civili skond l-iskrittura privata minnhom iffirmata quddiem in-Nutar Mark Anthony Sammut, datata 21 ta' April, 1998, Dok. A, hija ta' hames mija u tmenin lira Maltin (Lm580.00). Illi ghaldaqstant il-konvenuti ghandhom ikunu kkundannati jhallsu l-imsemmija somma.
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta' April, 2001, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuti.

Ra r-risposta tal-konvenuta Margaret Karen Agius fejn hija eccepiet:-

1. Illi ghalkemm huwa minnu li sar is-self kif jissemma' fl-Avviz, l-esponenti kienet ftehmet mal-konvenut Jesmond Arnaud li huma kellhom ihallsu Lm1000 kull wiehed.
2. Illi fil-fatt l-esponenti hallset sehemha lill-attur u ghalhekk il-bilanc ta' Lm580 mitlub fl-avviz ghandu jigi mhallas unikament mill-konvenut Jesmond Arnaud.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut Jesmond Arnaud.

Ra li l-konvenut Arnaud nonostante li gie debitament notifikat, naqas milli jidher jew jipprezenta risposta.

Sema' x-xhieda tal-attur Anthony Spiteri, tal-attrici Isabelle Spiteri, u tal-konvenuta Margaret Karen Agius.

Ikkunsidra:-

1. Illi l-atturi permezz ta' skrittura privata datata 21 ta' April, 1998, silfu lill-konvenuti s-somma ta' elfejn lira Mlatin (Lm2,000.00). L-istess konvenuti kellhom ihallsu lura dan l-ammont ratealment u dan ai termini tal-Artikolu 4 tal-imsemmija skrittura.

2. Illi l-konvenuta Margaret Karen Agius tikkontendi li hija u l-konvenut Arnaud kienu lahqu ftehim bejniethom fis-sens illi kellhom ihallsu elf lira Maltin (Lm1,000.00) kull wiehed minn dan l-ammont u fil-fatt hija kienet diga' hallset lura lill-atturi sehemha u anki parti minn sehem Arnaud. Hija xehdet li kienet hallset lura lill-atturi s-somma komplessiva ta' elf, erba' mija u ghoxrin lira Mlatin (Lm1,420.00).

3. Illi l-Artikolu 1 tal-iskrittura tal-21 ta' April, 1998, jghid li "l-komparenti Arnaud u Agius, flimkien u solidalment bejniethom, qeghdin jikkostitwixxu ruhhom veri, certi u likwidi debituti tal-komparenti konjugi Spiteri ….." L-Artikolu 4 tal-istess skrittura inoltre jghid li "l-komparenti Arnaud u Agius flimkien u solidalment bejniethom jintrabtu u jobbligaw ruhhom li jhallsu lura din is-somma f'pagamenti mensili ta' mhux anqas ….".

4. Illi jirrizulta inekwivokabilment li l-konvenuti ikkostitwew ruhhom bhala debituri solidali u ghalhek isegwi l-bilanc dovut huwa dovut minnhom solidalment. Kwalsiasi ftehim li kien hemm bejniethom li jhallsu elf lira Mlatin (Lm1,000.00) kull wiehed m'ghandu ebda effett fuq terzi. Ara sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tas-27 ta' April, 2001,fil-kawza fl-ismijiet "Emanuel Morguello vs Saliba et" (Citazzjoni Numru 771/93).

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta Margaret Karen Agius, jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' hames mija u tmenin lira Maltin (Lm580.00) bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-avviz

sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza jithallsu interament mill-konvenuti skond il-ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**